**Stqarrija għall-Istampa**

## Ir-riforma tal-prostituzzjoni għandha twassal messaġġ kontra l-isfruttament u l-inugwaljanza bejn is-sessi

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) ittenni l-pożizzjoni tagħha favur riforma tal-prostituzzjoni li tirrispetta d-dinjità tal-mara u li twassal messaġġ ċar kontra l-isfruttament u l-inguwaljanza bejn is-sessi. Meta niddiskutu din il-kwistjoni huwa importanti ħafna li nżommu f'moħħna li l-prostituzzjoni ma' taffetwax lin-nisa u lill-irġiel bl-istess mod. Dan għaliex il-maġġoranza assoluta tal-prostituti huma nisa filwaqt li l-maġġoranza assoluta tal-pimps u l-klijenti huma rġiel. Għalhekk, il-prostituzzjoni hija primarjament eżerċizzju ta' poter u kontroll mill-irġiel fuq in-nisa.

L-NCPE taqbel kompletament mad-dekriminalizzazzjoni tal-prostituzzjoni għaliex il-prostituti m'għandhomx ikunu ppenalizzati għall-isfruttament li jesperjenzaw. Ir-rifroma tal-prostituzzjoni għandha tiżgura li l-pajjiż ikollu l-mezzi legali u soċjali kollha sabiex jgħin lill-persuni joħorġu mill-prostituzzjoni, kif ukoll li joħloq kundizzjonijiet fejn l-ebda persuna ma jkollha bżonn tipprostitwixxi ruħha.

L-Istat għandu wkoll jagħti messaġġ ċar li l-prostituzzjoni hija forma ta' sfruttament li jirriproduċi u jsaħħaħ soċjetà patrijarkali. F'dan il-kuntest, min jixtri s-sess għandu jkun ippenalizzat. Għandu jkun hemm strateġija effettiva sabiex tittieħed azzjoni kontra l-pimps u t-traffikanti, li ta' spiss joperaw permezz ta' negozji bħal *massage parlours* u *strip clubs*. Huwa biss b'dan li mod li nkunu nistgħu nċekknu is-suq tas-sess; suq li huwa, fih innifsu, forma ta' sfruttament u li juża persuni vulnerabbli.

Ix-xenarju alternattiv għal dan, fejn il-pimps u l-klijenti jkunu leġittmi bil-liġi, iwassal inevitabbilment għat-twessiegħ tas-suq tas-sess, u jżid kemm id-domanda kif ukoll il-bżonn għall-provvista. Sabiex tintlaħaq din il-provvista, Malta ssir kalamita għat-traffikar uman. Iż-żieda fix-xiri tas-sess tħalli wkoll impatt negattiv fuq is-soċjetà għaliex tinnormalizza relazzjonijiet inugwali bejn in-nisa u l-irġiel.

Ninnutaw ukoll li iż-żieda fil-klijenti tal-prostituzzjoni se tfisser żieda fin-numru ta' persuni li, mingħajr ma jafu, jkunu f'relazzjoni ma' klijent tal-prostituti, b'żieda fil-firxa tal-STDs. Dawn il-persuni wkoll isofru l-konsegwenzi fiżiċi u psikoloġiċi tax-xiri tas-sess mill-partners tagħhom.

L-NCPE issejjaħ għal riforma tal-prostituzzjoni li hija msejsa fuq il-ħarsien mill-isfruttament u li ssaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-Istat għandu obbligu li jara li l-prostituzzjoni tiġi de-normalizzata u li jindirizza r-realtajiet legali u soċjali li jwasslu għal dan is-suq ibbażat fuq l-isfruttament.

**6 ta' Marzu 2020**